Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16040/14

(OR. en)

PRESSE 608
PR CO 61

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

3349 laqgħa tal-Kunsill

Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport

Brussell, 25 ta' Novembru 2014

Presidenti **Dario Franceschini**
Ministru għall-Wirt u l-Attivitajiet Kulturali u t-Turiżmu
Graziano Delrio
Sottosegretarju tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Segretarju tal-Kabinett)

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

Politika awdjoviżiva

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar **il-politika awdjoviżiva Ewropea fl-era diġitali,** bi tħejjija għar-reviżjoni futura tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u l-modernizzazzjoni tal-qafas tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur. Il-konklużjonijiet jindirizzaw b’mod partikolari l-ambjent il-ġdid tan-negozju, l-aċċess għall-finanzjament, il-finanzjament pubbliku, l-litteriżmu fil-qasam tal-media u l-films u l-wirt ċinematografiku. L-approċċ futur għall-politika awdjoviżiva Ewropea għandu jiżgura d-diversità kulturali u lingwistika tal-media konverġenti u jżid il-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew.

Pjan ta' Ħidma għall-Kultura

Il-Kunsill adotta wkoll konklużjonijiet dwar l-istabbiliment ta’ **Pjan ta’ Ħidma għall-Kultura** (2015-2018). Dan huwa dokument strateġiku li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-kooperazzjoni Ewropea fit-tfassil tal-politika kulturali għall-erba’ snin li ġejjin, b'attenzjoni għal suġġetti li jirrappreżentaw valur miżjud ċar għall-UE u jinkoraġġixxu kooperazzjoni transsettorjali.

Setturi kulturali u kreattivi

Il-ministri kellhom ukoll dibattitu pubbliku dwar il-kontribut tas-**setturi kulturali u kreattivi**, inkluż il-wirt kulturali, **għall-objettivi ta' Ewropa 2020**, fil-kuntest tar-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-istrateġija Ewropa 2020.

Il-President tal-Kunsill

Il-Ministru Franceschini ddikjara li "l-kultura u t-turiżmu għandhom jikkostitwixxu prijoritajiet għall-Ewropa u l-investiment f’dawn is-setturi huwa strateġiku għat-tkabbir u l-iżvilupp. Il-fehma tal-Presidenza kienet kondiviża mill-ministri kollha fil-laqgħa informali tagħna tal-ministri f’Turin, u l-Kunsill ta' llum witta t-triq biex jagħti lill-kultura u t-turiżmu rwol ċentrali fit-tfassil tal-politika tal-UE."

L-isport bħala l-mutur għall-innovazzjoni u t-tkabbir

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar **l-isport bħala l-mutur tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku,** li jenfasizzaw l-effetti pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-isport, kif ukoll il-potenzjal tiegħu biex jinħolqu l-impjiegi.

Is-Segretarju tal-Istat Delrio u l-ministri tal-isport mit-triju tal-Presidenzi kellhom ikla ta’ ħidma dwar is-suġġett mar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet sportivi u tal-industrija tal-merkanzija

sportiva.

L-Isport u l-attività fiżika fl-età tal-iskola

Il-ministri ddiskutew ukoll miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tal-**isport u l-attività fiżika fl-età tal-iskola.** Huma rrikonoxxew li inġenerali hemm tnaqqis jew marġinalizzazzjoni tal-isport u l-attività fiżika fit-tfal tal-età tal-iskola, b'mod partikolari l-adoloxxenti, u dan huwa kawża ta' tħassib. Madankollu, ħafna Stati Membri diġà qed jiżviluppaw programmi u azzjonijiet speċifiċi biex titreġġa' lura din it-tendenza.

Is-Sur Delrio qal li "Illum għamilna progress f'żewġ suġġetti li huma relatati ma' Ewropa 2020. Jidher ċar li l-isport għandu piż ekonomiku enormi fl-Ewropa u bilkemm intlaqat mill-kriżi ekonomika. Għandna noħolqu kondizzjonijiet għall-promozzjoni tal-iżvilupp ulterjuri tiegħu, b'mod partikolari permezz tal-innovazzjoni."

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI **6**

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

IL-KULTURA U S-SETTUR AWDJOVIŻIV 8

Politika awdjoviżiva Ewropea 8

Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 9

Wirt kulturali 10

Kontribut tas-setturi kulturali u kreattivi għall-Ewropa 2020 10

Affarijiet oħra 11

– Ftehim ta' Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment 11

– Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 12

SPORTS 13

Sport u innovazzjoni 13

L-Isport u l-attività fiżika fl-età tal-iskola 14

Affarijiet oħra 15

– Laqgħat tal-Aġenzija Dinjija kontra d-Doping (WADA) 15

– Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi 15

– Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 16

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

IMPJIEGI

– Appoġġ għall-Finlandja u Franza taħt il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni 17

ĦATRIET

– Kumitat tar-Reġjuni 17

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sur Sven GATZ	Ministru Fjamming għall-Kultura, il-Media, iż-Żgħażagħ u Brussell
Is-Sinjura Isabelle WEYKMANS	Viċi Ministru President, Ministru għall-Kultura, l-Impjiegi u t-Turiżmu
Bulgarija:	
Is-Sur Vezhdi RASHIDOV	Ministru għall-Kultura
Is-Sur Krasen KRALEV	Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Isport
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Petr HULINSKÝ	Viċi Ministru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport
Is-Sinjua Kateřina KALISTOVÁ	L-Ewwel Viċi Ministru għall-Kultura
Danimarka:	
Is-Sur Ole TOFT	Viċi Rappreżentant Permanenti
Ġermanja:	
Is-Sinjura Monika GRÜTTERS	Ministru tal-Istat għall-Kanċillier Federali u Kummissarju tal-Gvern Federali għall-Kultura u l-Media
Is-Sur Ole SCHRÖDER	Segretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ministru Federali għall-Intern
Estonja:	
Is-Sinjura Urve TIIDUS	Ministru għall-Kultura
Irlanda:	
Is-Sur Tom HANNEY	Viċi Rappreżentant Permanenti
Greċja:	
Is-Sur Konstantinos TASSOULAS	Ministru għall-Kultura u l-Isport
Is-Sur Stefanos ANAGNOSTOU	Segretarju Ġenerali għall-Media tal-massa
Spanja:	
Is-Sur José Maria LASALLE RUIZ	Segretarju tal-Istat għall-Kultura
Is-Sur José Pascual MARCO MARTINEZ	Viċi Rappreżentant Permanenti
Franza:	
Is-Sinjura Fleur PELLERIN	Ministru għall-Kultura u l-Komunikazzjoni
Is-Sur Alexis DUTERTRE	Viċi Rappreżentant Permanenti
Kroazja	
Is-Sinjura Andrea ZLATAR VIOLIĆ	Ministru għall-Kultura
Is-Sur Roko ANDRIČEVIĆ	Viċi Ministru għax-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-Isport
Italja:	
Is-Sur Dario FRANCESCHINI	Ministru għall-Wirt u l-Attivitajiet Kulturali u għat-Turiżmu
Is-Sur Graziano DELRIO	Segretarju tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Segretarju tal-Kabinett)
Ċipru:	
Is-Sur Costas KADIS	Ministru għall-Edukazzjoni u l-Kultura
Latvja:	
Is-Sinjura Dace MELBĀRDE	Ministru għall-Kultura
Is-Sinjura Mārīte SEILE	Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza
Il-Litwanja:	
Is-Sur Šarūnas BIRUTIS	Ministru għall-Kultura
Lussemburgu:	
Is-Sinjura Maggy NAGEL	Ministru għall-Kultura, Ministru għad-Djar
Is-Sur Romain SCHNEIDER	Ministru għas-Sigurtà Soċjali, Ministru għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Affarijiet Umanitarji, Ministru għall-Isports
Ungerija:	
Is-Sur Péter HOPPÁL	Ministru tal-Istat għall-Kultura
Is-Sur Olivér VÁRHELYI	Viċi Rappreżentant Permanenti

Malta:	
Is-Sur Neil KERR	Viċi Rappreżentant Permanenti
Olanda:	
Is-Sinjura Jet BUSSEMAKER	Ministru għall-Edukazzjoni, il-Kultura u x-Xjenza
Awstrija:	
Is-Sur Josef OSTERMAYER	Ministru Federali għall-Arti u l-Kultura, il-Kostituzzjoni u l-Media
Is-Sur Gerald KLUG	Ministru Federali għad-Difiża u l-Isport
Polonja:	
Is-Sur Bogusław ULIJASZ	Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Isport u t-Turiżmu
Is-Sur Radomir WOJCIECHOWSKI	Ministru Kunsillier
Portugall:	
Is-Sur Jorge BARRETO XAVIER	Segretarju tal-Istat għall-Kultura
Is-Sur Pedro LOMBA	Segretarju tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u Ministru għall-Iżvilupp Reġjonali

---

Is-Sinjura Rosa BATORÉU	Viċi Rappreżentant Permanenti
Rumanija:	
Is-Sur Ioan AUGUSTIN	Sottosegretarju tal-Istat, Ministeru għaż-Żgħażagħ u l-Isport
Is-Sur Cristian BADESCU	Viċi Rappreżentant Permanenti
Slovenja:	
Is-Sinjura Julijana BIZJAK MLAKAR	Ministru għall-Kultura
Is-Sinjura Metka IPAVIC	Viċi Rappreżentant Permanenti
Slovakkja:	
Is-Sur Alexander MICOVČIN	Viċi Rappreżentant Permanenti
Finlandja:	
Is-Sinjura Pia VIITANEN	Ministru tal-Kultura u l-Akkomodazzjoni
Svezja:	
Is-Sinjura Alice BAH KUHNKE	Ministru għall-Kultura u d-Demokrazija
Is-Sinjura Åsa WEBBER	Viċi Rappreżentant Permanenti
Renju Unit:	
Is-Sur Ed VAIZEY	Ministru tal-Istat għall-Kultura u l-Ekonomija Diġitali, Dipartiment għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet u d-Dipartiment għall-Kultura, il-Media u l-Isport
Is-Sinjura Shan MORGAN	Viċi Rappreżentant Permanenti

Kummissjoni:	
Is-Sur Xavier PRATS MONNÉ	Direttur Ġenerali

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

IL-KULTURA U S-SETTUR AWDJOVIŻIV

Politika awdjoviżiva Ewropea

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-**politika awdjoviżiva Ewropea fl-era diġitali**, li jindirizzaw b'mod partikolari l-ambjent il-ġdid tan-negozju, l-aċċess għall-finanzjament, il-finanzjament pubbliku, il-litteriżmu fil-qasam tal-media u l-films, kif ukoll il-wirt ċinematografiku. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet jappellaw għal reviżjoni urġenti tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (id-Direttiva AVMS)[1] kif ukoll il-modernizzazzjoni tal-qafas tal-UE tad-drittijiet tal-awtur, fid-dawl tal-bidla diġitali.

Dawn il-konklużjonijiet ġew adottati f'mument partikolarment strateġiku, peress li l-ħolqien ta' "suq uniku diġitali", li jippermetti li ċ-ċittadini jaċċessaw kontenut awdjoviżiv fuq l-apparati elettroniċi tagħhom ikunu fejn ikunu fl-Ewropa u irrispettivament mill-fruntieri, huwa fost l-ogħla prijoritajiet tal-Kummissjoni l-ġdida u l-President tagħha.

Il-konklużjonijiet jinvokaw il-konformità mat-tliet prinċipji ewlenin biex jinħoloq suq uniku Ewropew kompetittiv għall-kontenut awdjoviżiv li jissodisfa d-domanda taċ-ċittadini, dawk li joħolqu l-kontenut u d-detenturi tad-drittijiet:

– il-faċilitazzjoni tal-forniment ta' kontenut ta' kwalità għolja;

– is-sodisfazzjon tad-domanda tal-udjenza kull fejn tinsab dik l-udjenza; u

– l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ugwali għall-fornituri kollha ta' servizzi tal-media awdjoviżiva.

Fi żminijiet ta' bidliet teknoloġiċi rapidi u żviluppi tas-suq mhux prevedibbli, approċċ bħal dan għandu l-għan li jiżgura diversità kulturali u lingwistika fil-media konverġenti u jżid il-kompetittività tas-settur awdjoviżiv Ewropew.

[1] ĠU L 95, 15.4.2010.

Pjan ta' Ħidma għall-Kultura

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jistabbilixxu **Pjan ta' Ħidma għall-Kultura** (2015-2018). Dan huwa dokument strateġiku li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-kooperazzjoni Ewropea għat-tfassil tal-politika kulturali għall-erba' snin li ġejjin. Dawn il-prijoritajiet sussegwentement ser jiġu implimentati mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

Il-Pjan ta' Ħidma l-ġdid ġie ssimplifikat, li għandu jippermetti li jiġi implimentat b'mod aktar effiċjenti. Huwa wkoll aktar strateġiku, billi joħloq rabtiet effettivi mal-ħidma tal-Kunsill, b'mod partikolari l-presidenzi b'rotazzjoni tiegħu.

Il-Pjan ta' Ħidma għandu erba' prijoritajiet settorjali (kultura aċċessibbli; wirt kulturali; ekonomija kreattiva u innovazzjoni; u diversità kulturali, inkluża l-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE), li huma komplementati għall-ewwel darba minn żewġ prijoritajiet transsettorjali (bidla diġitali u statistika). Dawn kollha huma strutturati madwar l-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir u l-impjiegi.

L-enfasi hija fuq suġġetti li jirrappreżentaw valur miżjud ċar għall-UE u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni transsettorjali, b'kont meħud tan-natura doppja - ekonomika kif ukoll kulturali - tal-kultura.

L-Istati Membri inġenerali laqgħu l-Pjan ta' Ħidma l-ġdid, filwaqt li kkunsidrawh bħala pass 'il quddiem ċar u għodda essenzjali għat-tisħiħ tar-rwol tal-kultura fil-linji politiċi Ewropej.

Xi Stati Membri jixtiequ jaraw pjan ta' ħidma aktar ambizzjuż, b'mod partikolari rigward l-istatistika marbuta mal-kultura u l-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE.

Biex dan jiġi kkunsidrat, ingħatat prijorità akbar lir-rwol tal-kultura fil-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp. Rigward l-istatistika, il-Kummissjoni kkonfermat l-importanza kruċjali tagħha għas-settur kulturali kollu u qablet li kien meħtieġ li l-istatistika tiġi kkunsidrata fil-Pjan ta' Ħidma l-ġdid bħala kwistjoni trasversali ewlenija.

L-Istati Membri qablu wkoll dwar il-ħtieġa li jiġi promoss il-qari, b'mod partikolari minħabba l-importanza strateġika tiegħu fl-appoġġ għall-aċċess għall-kultura u d-diversità kulturali u biex jiġi żviluppat għarfien tal-identità Ewropea.

Madankollu, l-opinjonijiet kienu diverġenti dwar kif għandhom jiġu intaxxati l-kotba stampati u l-kotba elettroniċi . Skont id-Direttiva tal-VAT[1], il-kotba stampati huma ttrattati bħala "merkanzija" li għaliha jistgħu japplikaw rati mnaqqsa tal-VAT, filwaqt li l-kotba elettroniċi huma meqjusa bħala "servizzi elettroniċi", li ma jibbenefikawx minn rati mnaqqsa.

Diversi Stati Membri kienu tal-fehma li ktieb dejjem ktieb, irrispettivament mill-format tiegħu, u għalhekk l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw ir-rata mnaqqsa tal-VAT għal kotba elettroniċi wkoll.

---

[1] 2006/112/KE.

B’kuntrast ma’ dan, għadd ta’ Stati Membri qiesu li din hija kwistjoni kumplessa li titlob approċċ aktar kawt minħabba l-konsegwenzi mhux previdibbli ta’ tali approċċ fuq il-politika marbuta mal-kotba u d-dħul fiskali.

Il-Kummissjoni kkonfermat li kienet qed tippjana li tindirizza l-isfida tas-sovrappożizzjoni bejn formats online u formats fiżiċi inkluż fir-rigward tat-tassazzjoni.

Diversi Stati Membri ssottolinjaw il-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-piraterija online u l-appoġġ tal-ħolqien u l-kreaturi fl-ambjent diġitali.

Sabiex jintlaħaq kunsens, il-Presidenza ppreżentat proposta ta’ kompromess li ġiet aċċettata mill-Kunsill, fejn tistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu l-qari, filwaqt li jittieħed kont tad-diversi kondizzjonijiet li japplikaw għall-kotba elettroniċi u fiżiċi.

Wirt kulturali

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar **il-governanza parteċipattiva tal-wirt kulturali** *(15320/14)*, li jistiednu lill-Istati Membri biex jippromwovu involviment aktar attiv tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat fil-governanza tal-wirt kulturali, fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew.

Il-wirt kulturali huwa wieħed mill-prijoritajiet tal-Pjan ta’ Ħidma l-ġdid għall-Kultura. Huwa ġid komuni, riżorsa komuni li teħtieġ responsabbiltà kollettiva. L-involviment tal-partijiet interessati kollha fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet, l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta’ politiki u programmi ta’ wirt kulturali jista’ jkabbar is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-valuri li hija tirrappreżenta, issaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-użu tar-riżorsi pubbliċi, u jibni l-fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi.

Flimkien mal-wirt tanġibbli u intanġibbli, il-konklużjonijiet jissottolinjaw li l-wirt diġitali jista’ jintuża għall-iżvilupp ta’ servizzi innovattivi, bħal *Europeana*. Huma jesploraw ukoll is-sinerġiji bejn is-setturi tal-kultura u t-turiżmu, b’mod partikolari permezz tat-turiżmu kulturali sostenibbli, sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn l-opportunitajiet ekonomiċi u l-benessri tal-komunitajiet lokali.

Il-konklużjonijiet jappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex tipproponi "Sena Ewropea għall-Wirt Kulturali".

Kontribut tas-setturi kulturali u kreattivi għall-Ewropa 2020

Il-ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar **il-kontribut tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, għall-objettivi ta' Ewropa 2020**, fil-kuntest tar-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-istrateġija.

Il-Ministri ssottolinjaw li l-kultura tirrappreżenta madwar 4% tal-PDG tal-UE u tikkontribwixxi għat-tkabbir permezz tal-innovazzjoni, l-ekonomija diġitali, l-impjiegi u l-politika għaż-żgħażagħ, il-politika industrijali u l-użu effiċjenti tar-riżorsi u b’riżultat ta' dan hija affettwata mid-deċiżjonijiet f’oqsma oħra ta’ politika.

Inġenerali, l-Istati Membri qablu li n-natura trasversali tal-kultura tagħmilha adatta sew għall-approċċ transsettorjali ta' Ewropa 2020 u għalhekk tista' ssaħħaħ l-effettività tal-istrateġija kollha kemm hi, dment li ġie adottat approċċ integrat fil-livelli kollha.

Madankollu, diversi Stati Membri enfasizzaw li Ewropa 2020 hija strateġija ffukata ħafna b'għanijiet kwantitattivi preċiżi li huma mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni, li diffiċli jkunu japplikaw għall-arti u l-kultura. Barra minn hekk, dan jista' jnaqqas mill-attenzjoni u l-impatt tal-istrateġija. Fil-qasam tal-kultura u l-kreattività l-kooperazzjoni għandha tkun ippreferuta mir-regolamentazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-ministri ssottolinjaw li s-setturi kulturali u kreattivi tal-UE jagħtu lill-Ewropa vantaġġ kompetittiv fuq il-bqija tad-dinja peress li jibbenefikaw mill-wirt kulturali uniku, straordinarjament għani u varjat tal-Ewropa.

F'dan il-kuntest, diversi ministri ssuġġerew li titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali, b'mod partikolari permezz ta' użu aħjar ta' Europeana.

Għadd ta' Stati Membri urew li kienu favur interazzjoni aktar b'saħħitha bejn it-turiżmu u l-politiki kulturali, u bejn it-taħriġ, ir-riċerka u l-politiki dwar l-innovazzjoni, li għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali għall-ġenerazzjonijiet futuri

Bosta Stati Membri qablu dwar il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, bl-aġġornament tal-qafas attwali dwar id-drittijiet tal-awtur u l-ġlieda kontra l-piraterija online, sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej.

Affarijiet oħra

– ***Ftehim ta' Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment***

Il-Ministri ħadu nota tal-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar il-kwistjonijiet relatati mas-settur awdjoviżiv tal-Ftehim ta' Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) bejn l-UE u l-Istati Uniti.

It-TTIP huwa ftehim komprensiv li jindirizza firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment bilaterali u bl-għan li tingħata spinta lill-kummerċ u l-investiment bejn iż-żewġt isħab. In-negozjati bdew f'nofs l-2013, u s'issa kien hemm seba' ċikli, l-aħħar wieħed mid-29 ta' Settembru sat-3 ta' Ottubru 2014.

Sabiex tiġi garantita l-protezzjoni tad-diversità kulturali (l-hekk imsejħa "eċċezzjoni kulturali") is-servizzi awdjoviżivi ġew esklużi espliċitament mill-mandat ta' negozjar mogħti lill-Kummissjoni mill-Istati Membri f'Ġunju li għadda, kif kien il-każ għal aktar minn għoxrin sena fin-negozjati ma' pajjiżi terzi.

Il-Presidenza fakkret li, fiż-żewġ laqgħat l-aktar reċenti tiegħu, il-Kunsill EYCS indirizza l-isfidi li l-ftehim jista’ jirrappreżenta għad-diversità kulturali u ssottolinja li dan hu valur li l-Unjoni Ewropea hija profondament marbuta miegħu.

Il-Kummissjoni tenniet li matul in-negozjati hija kienet irrispettat strettament il-mandat mogħti mill-Istati Membri dwar is-servizzi awdjoviżivi u li ma kien hemm l-ebda bidla mill-aħħar ċiklu. Fakkret ukoll li l-President Juncker kien iddikjara dwar din il-kwistjoni li ma kienx sejjer "jissagrifika d-diversità kulturali tal-Ewropa fuq l-altar tal-kummerċ ħieles".

Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Kummissarju l-ġdid għall-Kummerċ, Cecilia Malmström fis-seduta tagħha quddiem il-Parlament Ewropew, u aktar reċentement hija ħabbret li kienet favur it-trasparenza u riedet tagħti bidu ġdid lin-negozjati.

– ***Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss***

Id-delegazzjoni Latvjana ppreżentat il-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza tagħha għas-semestru li jmiss:

– Il-kooperazzjoni transettorjali bejn is-setturi kulturali u kreattivi u oqsma oħra ta’ politika

– Ir-rabtiet bejn il-wirt kulturali u l-arti kontemporanja

– Il-kultura fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020

– Il-kultura fir-relazzjonijiet esterni, b’mod partikolari fil-kuntest tal-aġenda għall-iżvilupp wara l-2015

– Il-kontinwazzjoni tal-ħidma fuq ir-reviżjoni possibbli tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva

SPORTS

Sport u innovazzjoni

Bħala introduzzjoni għal dan is-suġġett, il-Presidenza Taljana ppreżentat sintesi tal-messaġġi prinċipali mid-"djalogu strutturat" ma' rappreżentanti tal-moviment sportiv u tal-industrija tal-isport:

– Is-suq tal-isport jirrappreżenta EUR 66 biljun u jimpjega aktar minn 600 000 persuna;

– Kull sena jiġu żviluppati aktar minn 150 000 innovazzjoni;

– Il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat hija kruċjali (dan jinkludi s-settur pubbliku, il-moviment sportiv u l-universitajiet)

– Għandhom jiġu żviluppati wkoll sħubiji pubbliċi u privati innovattivi

– Investiment modest ħafna fl-isport u l-innovazzjoni jista' jiġġenera redditi sinifikanti ħafna

Il-Kunsill imbagħad adotta konklużjonijiet dwar **l-isport bħala mutur tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku** *(14954/14)*, li jenfasizzaw l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-isport u l-effetti pożittivi tiegħu fuq setturi oħra tal-ekonomija, kif ukoll il-potenzjal tiegħu biex jinħolqu l-impjiegi, li mhux dejjem huwa rikonoxxut.

Il-konklużjonijiet jagħmlu enfasi speċjali fuq il-ħtieġa li jkunu promossi raggruppamenti transsettorjali u transkonfinali, li jinvolvu amministrazzjonijiet lokali, universitajiet, ċentri ta' riċerka, l-industrija u korpi tal-isport, u li jipprovdu ambjent favorevoli għar-riċerka u l-iżvilupp tal-prodotti bbażati fuq l-isport. Huma jissottolinjaw li l-innovazzjoni taħdem minn żewġ naħat: l-isport jibbenefika minn avvanzi fundamentali f'setturi oħrajn, filwaqt li fl-istess ħin l-innovazzjonijiet tiegħu jiġu adottati xi mkien ieħor.

Il-konklużjonijiet jistiednu wkoll lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-Programmi u l-fondi tal-UE, bħal Orizzont 2020, COSME u Erasmus+, li jistgħu jipprovdu kontribut importanti f'dan il-qasam.

Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2014-2017[17], wara l-konklużjonijiet ta' Novembru li għadda dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, jenfasizza l-ħtieġa li l-Kunsill ikompli l-ħidma fuq id-dimensjoni ekonomika tal-isport, billi jindirizza b'mod partikolari l-innovazzjoni, minbarra l-finanzjament sostenibbli tal-isport u l-eredità ta' avvenimenti sportivi maġġuri. Dawn il-konklużjonijiet jikkostitwixxu pass importanti 'l quddiem f'dik id-direzzjoni.

[7] ĠU C 183, 14.6.2014.

L-Isport u l-attività fiżika fl-età tal-iskola

Il-ministri ddiskutew miżuri speċifiċi biex jippromwovu **l-isport u l-attività fiżika fl-età tal-iskola,** anke bħala kontribut għar-rakkomandazzjonijiet previsti f’dan il-Pjan ta’ Ħidma l-ġdid tal-UE għall-Isport, li jimmiraw għall-iżvilupp tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma’ organizzazzjonijiet sportivi, awtoritajiet nazzjonali u lokali u s-settur privat.

Għalkemm l-edukazzjoni fiżika hija suġġett obbligatorju fl-Istati Membri kollha tal-UE, il-biċċa l-kbira tal-ministri rrikonoxxew li kien hemm tnaqqis jew marġinalizzazzjoni tal-isport u l-attività fiżika fi tfal tal-età tal-iskola, b’mod partikolari fost l-adolexxenti u l-bniet.

Dan huwa parzjalment minħabba l-mod kif inhu allokat il-ħin fil-kurrikulu tal-iskejjel, minħabba n-nuqqas ta’ riżorsi finanzjarji, materjali u umani kif ukoll minħabba l-kompetizzjoni mil-logħob tal-kompjuter, l-Internet u t-TV, li jwasslu għal stili ta’ ħajja dejjem iżjed sedentarja.

L-Istati Membri qablu inġenerali li l-attività fiżika mhux biss ikkontribwixxiet għal saħħa tajba, iżda wkoll żviluppat prinċipji u kunċetti bħall-fair play u r-rispett, kif ukoll l-għarfien soċjali u riżultati akkademiċi aħjar.

L-inizjattivi ta’ politika li ġejjin diġà ġew żviluppati jew huma ppjanati fl-Istati Membri biex tiġi miġġielda din it-tendenza:

– iż-żieda fil-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-għaqdiet sportivi

– il-promozzjoni tar-rwol tal-ġenituri u l-aqwa atleti bħala mudelli eżemplari

– l-iżvilupp ta' metodi ġodda u innovattivi għal klassijiet ta' edukazzjoni fiżika

– l-għoti ta' inċentivi għal skejjel u studenti "attivi"

– li jittieħed benefiċċju minn avvenimenti sportivi kbar fl-Ewropa biex tiżdied il-motivazzjoni taż-żgħażagħ

Affarijiet oħra

– *Laqgħat tal-Aġenzija Dinjija kontra d-Doping (WADA)*

Il-Kunsill ġie infurmat mir-rappreżentant tal-UE fil-Bord tal-Fondazzjoni WADA (il-Lussemburgu) dwar il-laqgħat li saru f'Pariġi fil-15 u s-16 ta' Novembru 2014. Is-suġġetti ewlenin fuq l-aġenda kienu l-finanzjament, il-protezzjoni tad-data u kwistjonijiet marbutin mal-antidoping.

L-Istati Membri tal-UE jikkoordinaw flimkien u jirrappreżentaw it-tħassib konġunt tagħhom f'kull laqgħa tal-Bord tal-Fondazzjoni tal-Aġenzija Dinjija Kontra d-Doping, normalment f'Mejju u Novembru. Attwalment l-UE hija rappreżentata fil-WADA mill-ministri tal-isport tal-Belġju, il-Lussemburgu u Malta.

L-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA), stabbilita fl-1999, hija fondazzjoni privata (għalkemm nofs il-membri tal-bord tagħha jirrappreżentaw gvernijiet) u l-missjoni tagħha huwa li tippromwovi, tikkoordina u tissorvelja l-ġlieda kontra d-doping fl-isport fil-forom kollha tiegħu.

Il-WADA hija magħmula minn Bord tal-Fondazzjoni, Kumitat Eżekuttiv u diversi Kumitati. Il-Bord tal-Fondazzjoni, magħmul minn 38 membru, huwa l-korp suprem tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-WADA. Dan huwa magħmul mill-istess numru ta' rappreżentanti mill-Moviment Olimpiku u mill-gvernijiet.

– *Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi*

Id-delegazzjoni Franċiża xtaqet tinkoraġġixxi lil ministri oħrajn tal-isports tal-UE biex jingħaqdu mat-tmien Stati Membri (il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Litwanja u l-Pajjiżi l-Baxxi) li diġà ffirmaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi.

Il-konvenzjoni ġġib valur miżjud reali f'ħafna oqsma: tiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali u l-iskambju ta' data bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-movimenti sportivi u l-operaturi tal-logħob tal-azzard. Barra minn hekk, tgħin biex jitressqu prosekuzzjonijiet legali sabiex jissanzjonaw kondotta li timmina l-integrità tal-kompetizzjonijiet.

Wara r-ratifika minn tal-anqas ħames firmatarji (li tlieta minnhom għandhom ikunu membri tal-Kunsill tal-Ewropa), il-Konvenzjoni tista' tidħol fis-seħħ. Dan x'aktarx iseħħ f'xi waqt fl-2015 jew l-2016. Il-Kummissjoni mistennija tadotta proposti għall-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni lejn tmiem l-2014.

– ***Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss***

Il-Kunsill ħa nota tal-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza li jmiss għas-semestru li jmiss ippreżentati mid-delegazzjoni Latvjana:

- Ir-rwol tal-isport għad-dilettanti fit-titjib tal-impjiegi taż-żgħażagħ
- Stili ta’ ħajja tajbin għas-saħħa (HEPA)
- Progress dwar ir-ratifika tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi
- Kwistjonijiet marbutin mal-antidoping

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

IMPJIEGI

Appoġġ għall-Finlandja u Franza taħt il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet li jirrilaxxaw total ta' EUR 2.34 miljuni taħt il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-Finlandja u Franza.

Ammont ta' EUR 1.43 miljun ser jiġi rilaxxat wara li 634 ħaddiem ta' intrapriża Finlandiża li topera fil-manifattura ta' tagħmir tat-trasport ngħataw is-sensja bħala riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni. Hemm ukoll EUR 918 000 li ser jitħallsu wara t-tħabbir ta' 760 sensja f'kumpannija Franċiża li tipproduċi l-ikel.

Il-FEG jgħin lill-ħaddiema jsibu impjiegi ġodda u jiżviluppaw ħiliet ġodda meta jkunu tilfu l-impjieg tagħhom bħala riżultat ta' bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinjija, pereżempju meta kumpannija kbira tagħlaq jew fabbrika tittieħed barra l-UE, jew bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. L-għajnuna mogħtija mill-FEG tikkonsisti f'miżuri ta' kofinanzjament bħal assistenza għat-tfittix ta' impjieg, pariri dwar il-karrieri, taħriġ imfassal apposta u taħriġ mill-ġdid, iggwidar u promozzjoni tal-intraprenditorija. Il-fond jipprovdi wkoll appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, allowances għall-mobilità u allowances għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' tagħlim u taħriġ tul il-ħajja.

ĦATRIET

Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill ħatar lis-Sinjura Ruth DOMBEY (Renju Unit), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-kariga attwali, li tintemm fil-25 ta' Jannar 2015 *(15434/14)*.